MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2008

Numru. 207/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**Vs**

**Dennis Cilia ta' 31 sena, iben Peter u Antonia nee` Sharrat, imwieled Pieta` nhar il-25 ta' April, 1976, u li joqhgod no 31, Triq il-Mithna, Attard, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 257276(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat u cioe` talli b'diversi atti mazghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni whad u cioe:

1. Akkuzat talli gewwa San Giljan f'xi hin bejn il-11.30am tat-13 ta' Ottubru, 2000 u l-4.30am tal-14 ta' Ottubru, 2000, ikkommetta serq ta' diversi ghodod u

oggetti ohra minn van ta' ghamla Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni HAT-451 ghad-detriment ta' Mark Darmanin mill-Mosta u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jecced l-2,329.37 euro, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. Akkuzat talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hsara fil-vettura msemmija vettura HAT-451 ghad-detriment ta' Mark Darmanin u/jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix il-116.47 euro;

3. Akkuzat talli fil-5 ta' Jannar 2007 u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe` diversi ghodda misruqa mill-imsemmi van HAT-451 propjeta ta' Mrk Darmanin u/jew persuni ohra.

4. Akkuzat ukoll talli gewwa Ta' Qali r-Rabat, Malta f'xi hin bejn it-8.30pm tat-8 ta' Frar 2003 u n-00.30am tad-9 ta' Frar 2003, ikkommetta serq ta' diversi ghodod u oggetti ohra minn vettura ta' ghamla Citroen Berlingo bin-numru ta' registrazzjoni EBF-426 ghad-detriment ta' Ivan Privitera mill-Fgura u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaccedi l-232.94 euro izda ma jaccedic 2,329.37 euro, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

5. Akkuzat talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hsara fil-vettura msemmija vettura EBF-426 ghad-detriment ta' l-imsemmi Ivan Privitera u/jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix il-116.47 euro;

6. Akkuzat talli fil-5 ta' Jannar 2007 u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara

hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe` ghodda misruqa mill-imsemmi van E|BF-426 propjeta ta' Mark Darmanin u/jew persuni ohra.

7. Akkuzat talli gewwa in-Naxxar f'xi hin fil-jum ta' l ta'Ottubru, 2003, ikkommetta serq ta' apparat HiFi u oggetti ohra minn vettura ta' ghamla Opel Corsa bin-numru ta' registrazzjoni LCE-302 ghad-detriment ta' Johann Xuereb minn Naxxar u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-239.94 euro izda li ma jaccedix 2,329.37 euro bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

8. Akkuzat talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hsara fil-vettura msemmija vettura LCE-302 ghad-detriment ta' l-imsemmi Johann Xuereb u/jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix il-116.47 euro;

9. Akkuzat talli fil-5 ta' Jannar 2007 u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe` CDs misruqa mill-imsemmija vettura LCE-302 propjeta ta' l-imsemmi Johann Xuereb u/jew persuni ohra;

10. Akkuzat talli gewwa San Giljan f'xi hin bejn is-7.30pm tal-15 ta' Marzu, 2006 u t-8.00am tas-17 ta' Marzu 2006, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn vettura ta' ghamla Puegeot 205 bin-numru ta' registrazzjoni AAD-145 ghad-detriment ta' Matthew Buttigieg minn H'Attard u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

11. Akkuzat talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg

haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hsara fil-vettura msemmija vettura AAD-145 ghad-detriment ta' l-imsemmi Matthew Buttigieg u/jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix il-116.47 euro;

12. Akkuzat talli fil-5 ta' Jannar 2007 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe` basket u oggetti ohra misruqa mill-imsemmija vettura AAD-145 propjeta ta' Matthew Buttigieg u/jew persuni ohra;

13. Akkuzat ukoll talli gewwa Ta' Qali r-Rabat, Malta f'xi hin bejn is-1.30pm tat-18 ta' Marzu, 2006 u t-8.30am tad-19 ta' Marzu, 2006, ikkommetta serq ta' diversi oggetti mill-fond bl-isem "Sculptures JC Trading Crafts Village Hut 81" u dan sar ghad-detriment ta' William George Brydon mill-Mosta u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jaccedi l-232.94 euro izda anqas minn 2,329.37 euro;

14. Kif ukoll akkuzat talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma taccedic il-116.47 euro u dang had-dannu ta' George Brydon u/jew persuni ohra;

15. Akkuzat talli fil-5 ta' Jannar 2007 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe` diversi oggetti misruqa mill-imsemmi fond propjeta ta' William George Brydon;

16. Akkuzat talli gewwa San Giljan f'xi hin bejn id-9.00am tad-9 ta' Ottubru, 2005 u s-6.00pm tal-10 ta' April, 2005, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn vettura tal-ghamla Daewoo Matiz bin-numru ta' registrazzjoni BBJ-

797 ghad-detriment ta’ Elizabeth Apap Bologna u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi t-239.94 euro, izda li ma jaccedix 2,329.37 euro, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

17. Akkuzat talli fil-5 ta’ Jannar 2007 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe` kotba misruqa mill-imsemmi vettura BBJ-797 propjeta ta’ Elizabeth Apap Bologna u/jew persuni oha;

18. Akkuzat talli gewwa San Giljan f’xi hin bejn il-11.33pm tas-6 ta’ Mejju, 2006, u s-2.15pm tas-7 ta’ Mejju, 2006, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti minn vettura tal-ghamla Toyota Starlet bin-numru ta’ registrazzjoni IBG-281 ghad-detriment ta’ Maria Dorianne Dalli minn M’Skala u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi t-239.94 euro, izda li ma jaccedix 2,329.37 euro, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

19. Akkuzat talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hsara fil-vettura msemmija vettura IBG-281 ghad-detriment ta’ l-imsemmija Maria Dorianne Dalli u/jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix il-116.47 euro;

20. Akkuzat talli fl-1 ta’ Dicembru, 2006, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe` kotba misruqa mill-imsemmi vettura IBG-281 propjeta ta’ Maria Dorianne Dalli u/jew persuni ohra;

21. Akkuzat talli gewwa San Giljan f'xi hin bejn it-8.20pm tat-23 ta' Mejju, 2006, u s-2.00pm tal-24 ta' Mejju, 2006, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn vettura tal-ghamla Fiat bin-numru ta' registrazzjoni DOM-208 ghad-detriment ta' Donna Beddingfield minn M'Skala u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

22. Akkuzat talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hsara fil-vettura msemmija vettura DOM-208 ghad-detriment ta' l-imsemmija Donna Beddingfield u/jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix il-116.47 euro;

23. Akkuzat talli fl-1 ta' Dicembru, 2006, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe` kotba misruqa mill-imsemmi vettura DOM-208 propjeta ta' Donna Bedingfield u/jew persuni ohra;

24. Akkuzat ukoll talli gewwa Ta' Qali r-Rabat, Malta f'xi hin bejn il-11.00pm ta' l-20 ta' Gunju, 2006 ikkommetta serq ta' diversi ghodod u oggetti ohra minn-vettura ta' ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni JBB-385 ghad-detriment ta' Mario Mifsud minn Haz-Zebbug u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jaccedi l-2329.37, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

25. Akkuzat talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hsara fil-vettura msemmija vettura JBB-385 ghad-detriment ta' l-imsemmi Mario Mifsud u/jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix il-116.47 euro

26. Akkuzat talli fil-5 ta' Jannar 2007 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara

hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe` kotba misruqa mill-imsemmi vettura JB-385 propjeta ta' Mario Mifsud u/jew persuni oha;

27. Akkuzat ukoll talli gewwa gewwa l-Mosta f'xi zmien matul Gunju, 2006, ikkommetta serq ta' basket kontenti oggetti ta' tpingija minn-vettura ta' ghamla Toyota Tercell bin-numru ta' registrazzjoni GBB-497 ghad-detriment ta' Fiona Ciangura mill-Mosta u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

28. Akkuzat talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hsara fil-vettura msemmija vettura GBB-497 ghad-detriment ta' l-imsemmija Fiona Ciangura u/jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix il-116.47 euro;

29. Akkuzat talli fl-1 ta' Dicembru, 2006, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe` oggetti ta' tpingija misruqa mill-imsemmi vettura GBB-497 propjeta ta' Fiona Ciangura u/jew persuni ohra;

30. Akkuzat ukoll talli gewwa gewwa l-Mgarr Malta f'xi hin bejn is-2.10pm u s-2.20pm tal-15 ta' Novembru, 2006, ikkommetta serq ta' flus u diversi dokumenti ohra minn-vettura ta' ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni IBE-964 ghad-detriment ta' Jacqueline Aquilina mill-Iklin u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misurqa;

31. Akkuzat talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hsara fil-vettura

msemmija vettura IBE-964 ghad-detriment ta’ l-imsemmija Jacqueline Aquilina u/jew persuni ohra, liema hsara tiskorri il-116.47 euro;

32. Akkuzat talli fl-1 ta’ Dicembru, 2006, u fil-gimghat ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe` dokument misruqa mill-imsemmi vettura IBE-964 propjeta ta’ l-imsemmija Jacqueline Aquilina u/jew persuni ohra;

33. Akkuzat ukoll talli gewwa gewwa Attard fit-12 ta’ Ottubru, 2006, f’xi hin bejn is-2.00pm u s-2.00pm ikkommetta serq ta’ flus u dokumenti minn-vettura FAZ-293 ghad-detriment ta’ Stephanina Mercieca minn Attard u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

34. Akkuzat talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hsara fil-vettura msemmija vettura FAZ-293 ghad-detriment ta’ l-imsemmija Stephanina Mercieca u/jew persuni ohra, liema hsara tiskorri il-116.47 euro;

35. Akkuzat ukoll talli gewwa gewwa Attard ghall-habta tas-2.10pm u ikkommetta serq ta’ Lm300 (698.81 euro) minn ATM tal-BOV ghad-detriment ta’ l-istessd Stephanina Mercieca minn Attard u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jaccedi l-232.94 euro izda ma jaccedix 2,329.37 euro;

36. Akkuzat ukoll talli gewwa Ta’ Qali r-Rabat, Malta f’xi hin bejn it-8.30pm tat-12 ta’ Ottubru, 2003 u is-2.00am tat-30 ta’ Ottubru, 2003, ikkommetta serq ta’ dokumenti minn-vettura ta’ ghamla Volkswagen Polo bin-numru ta’ registrazzjoni LCB-556 ghad-detriment ta’ Mark Portelli mir-Rabat(Malta) u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

37. Akkuzat talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hsara fil-vettura msemmija vettura LCB-56 ghad-detriment ta' l-imsemmi Mark Portelli u/jew persuni ohra, liema hsara tiskorrix il-11.67euro;

38. Akkuzat talli nhar id-9 ta' Awissu, 2004, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe` dokument misruq mill-imsemmi vettura LCB-556 propjeta ta' l-imsemmi Mark Portelli u/jew persuni ohra;

39. Akkuzat ukoll talli gewwa r-Rabat, (Malta) nhar l-19 ta' Gunju, 2004 f'xi bejn l-10.20pm u l-11.00pm ikkommetta serq ta' Hi Fi minn-vettura ta' ghamla Renault bin-numru ta' registrazzjoni BBA-142 ghad-detriment ta' John Ellul Sullivan minn San Giljan u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

40. Akkuzat talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hsara fil-vettura msemmija vettura BBA-142 ghad-detriment ta' l-imsemmi John Ellul Sullivan u/jew persuni ohra, liema hsara tiskorri il-11.67euro;

41. Akkuzat talli nhar id-9 ta' Awissu, 2004, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe` car stereo misruq mill-imsemmi vettura BBA-142 propjeta ta' l-imsemmi John Ellul Sullivan u/jew persuni ohra;

42. Akkuzat ukoll talli gewwa r-Rabat, (Malta) nhar is-27 ta' Gunju, 2004 f'xi bejn is-2.00am u t-3.00am

ikkommetta serq ta' accessorji minn-vettura ta' ghamla Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni BL474PA ghad-detriment ta' John Luigi Lissandrello ta' nazzjonalita Taljana u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, bil-valur, bil-mezz, hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

43. Akkuzat talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hsara fil-vettura msemmija vettura BL474PA ghad-detriment ta' l-imsemmi John Ellul Sullivan u/jew persuni ohra, liema hsara tiskorri il-11.67euro;

44. Akkuzat talli nhar id-9 ta' Awissu, 2004, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe` par mrja misruq mill-imsemmi vettura BP474PA propjeta ta' l-imsemmi Luigi Lissandrello u/jew persuni ohra;

45. Akkuzat ukoll talli f'diversi lokalitajiet go Malta xi zmien qabel id-9 ta' Awissu, 2004, ikkommetta serq ta' *winch, alarm system control panel u jump leads* detriment ta' persuni mhux maghrufa liema serq huwa aggravate bil-valur li jaccedi 232.94 euro;

46. Akkuzat talli nhar l-20 ta' Jannar, 2008, ghall-habta tal-11.30am waqt li kien qieghed fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija l-Floriana, ingurja u hedded persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jghamel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u cioe` ingurja u hedded lill-Ispettur tal-Pulizija Anthony Portelli.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat General ital-25 ta' Lulju, 2008, fejn jigi rilevat li ghalkemm l-Avukat Generaali

jindika fost l-artikoli 49, l-artikoli 10 u 289 tal-Kap 9, madanakollu mill-akkuza ma jirrizultax illi l-imputat huwa akkuzat ai termini ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi;

Semghet il-kunsens ta' l-imputat sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni mghamulha mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni gie rijaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkonsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammisjoni mghamula l-Qorti ma tistghax hlief issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfornt tieghu ghajr ghal dawk l-akkuzi tar-reat ta' ricettazzjoni li inghataw bhala kapi alternattivi ghall-akkuzi dwar is-serq.

Illi dwar piena l-Qorti tosserva illi ghalkemm l-imputat jinsab akkuzat b'diversi akkuzi dwar serq li sehhew matul diversi snin, madanakollu l-Qorti ma tistax tinjora l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat li certament wasslet sabiex dawn il-proceduri jintemmu f'qasir zmien minghajr il-htiega li jigu prodotti kwantita' ta' xhieda quddiem il-Qorti. Il-Qorti wkoll sejra tiehu in konsiderazzjoni illi l-imputat ghandu problemi serji fis-sahha mentali tieghu u dana kif jirrizulta mix-xhieda ta' Dr. Joseph Spiteri mghotija fl-14 ta' Mejju, 2008, quddiem il-Qorti. Illi ghalhekk certament huwa ta' importanza kbira illi l-imputat jibqa' jinghata l-kura necessarja ghall-kundizzjoni medika tieghu kif jidher illi qed jinghata sabiex ma jkunx hemm repetizzjoni ta' dawn ir-reati.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 264, 265, 267, 270, 271 (g)278(2)(3), 325(1)(b)(c), 94(1), 95(1), 338(b), 17, 18, 23 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-3, 6, 9, 12, 15, 17, 20, 23, 26, 29, 32, 38, 41, 44 l-akkuza peress illi dawn hum aakkuzi alternattivi ghal dawk tas-serq, issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha lohra migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' tlett (3) snin

priguneriја, b'rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Habs Civili ta' Kordin illi l-imputat jibqa' jinghata l-kura li ghandu bzonn ghall-kundizzjoni medika tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------